MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Numru 36/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs.**

**Shirley (Concetta Shirley) Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shirley (Concetta Shirley) Camilleri ta’ 36 sena, bint Anthony u Josephine nee Sciberras, imwielda l-Pieta fit-8 ta’ Dicembru 1971, u li toqghod f’Entratura 87, Flat 3, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla, detentrici tal-Karta tal-Identita bin-numru: 13672(M)

Akkuzata:

1. talli fid-9 ta’ Ottubru 2008, gewwa Bormla u f’postijiet ohra gewwa Malta, mexxejt biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikata hija tal-50 Euro, meta kont taf li hija falsifikata;

2. U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorità legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrajt jew ircevejt minghand xi persuna, kif ukoll kellek fil-pussess tieghek, biljetti tal-flus u cioe karta tal-50 Euro falsifikata, meta kont taf li l-istess hija falsifikata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, fil-waqt tal-procediment kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 49A(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fil-31 ta’ Awwissu 2009, fejn deherlu li tista’ tinstab htija taht:
a) l-artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) l-artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi f’dan il-kaz li jirrigwarda uzu ta’ karta ta’ flus tal-€50.00 falz. Apparti li hemm ir-rapport tal-espert mahtur mill-Qorti, Amante Farrugia, id-difiza iddikjarat li ma hux qed tikkontesta li l-karta ta’ €50.00 hija falza, b’dan li dan il-verbal m’ghandux ikun mifhum bhala ammissjoni tal-imputata u dan fid-dawl tal-provi tad-difiza li ser jingabu.[1] Dak li pero ma hemmx qbil fuqu huwa dwar ic-cirkostanzi li taw lok u svolgew f’dan l-incident.

PC 515 Andrea D’Amato, xehed li fid-9 ta’ Ottubru 2008 ghal habta tal-5.00p.m., kien xoghol l-ghassa ta’ Bormla u giet certa Mary Hedley li irrapportat li l-gurnata ta’ qabel fit-8 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tas-7.00pm dahlet certu Shirley Camilleri fil-hanut taghha go Bormla u talbitha flixkun Coca u qaltilha issarfilha ghas-sigaretti u taghtha karta ta’ €50.00. Mary Hedley qaltilha li din il-karta ma kienitx qed toghgobha Shirley Camilleri wegbitha *“Hekk ghidli, ghadni gejja minghand ic-Chain Supermarket”.* Imbaghad Mary Hedley hadet il-50 Euro, taghtha l-bqija u l-imputata telqet minn gol-hanut minghajr ma xtrat is-sigaretti.

Mary Hedley xehdet li l-imputata dahlet fil-hanut tal-helu taghha ghal xi 7.00pm, u talbitha issarfilha 50 Euro ha tiehu s-sigaretti u flixkun Coca. Ix-xhud tghid li kif qabdet din il 50 Euro qaltilha *“Donnha mhux qed toghgobni din il-50 Euro”.* Skont ix-xhud, l-imputata qaltilha *“Eh, ghadni gejja minghand ic-Chain”.* Ix-xhud qalet li hi zammet il-karta tal-50 Euro ghax kienet taf lill-imputata, izda qaltilha li jekk l-ghada tirrizulta li hi hazina tigi biha. Skont din ix-xhud l-imputata ma xtratx sigaretti u halliet flixkun Coca kbir warajha, u regghet lura ghalih imma kienu haduh. Ix-xhud Mary Hedley qalet dak in-nhar kienet irceviet karta ohra tal-€50.00, izda l-karta li tatha Shirley ma hallithiex mal-flus l-ohra imma warrbitha fil-portmoni biex ticcekjaha li l-ghada iccekjat il-karta *“ma’ tal-Coca*”*,* mal-ispizjar u ma

[1] Ara verbal tad-difiza a fol. 55 tal-process.

terza persuna li kollha iccekjawha b’xi apparat u sabu li kienet falza.

L-imputata ghazlet li tixhed u qalet li dak iz-zmien tal-incident kellha proceduri ta’ separazzjoni u li r-ragel taghha ma kienx qieghed itiha flus bizzejjed biex tmantni lit-tlett itfal taghha, u kienet ghada mhux tircievi beneficcji socjali. Ghalhekk kien jislifha l-flus missierha, u l-€50.00 li kienet uzat biex tixtri minghand Mary Hedley kien sellifielha missierha. Hi xehdet li xtrat gallettini, diversi tipi helu, u Coca. Hi qalet li Mary Hedley kienet tefghetilha l-affarijiet f’basket u meta marret id-dar ma sabitx il-flixkun tal-Coca. Meta marret lura ghalih, skont l-imputata, Hedley qalet li probabilment kienu haduh zewgt itfal li dahlu fil-hanut. L-imputata ammettiet li meta tat il-biljett ta’ 50 Euro lil Mary Hedley, din tal-ahhar iccekkjatha kontra d-dawl, u staqsietha jekk hux tajba, u li l-imputata wegbitha li kienet tajba zgur ghax gejja mill-bank u li kienet ghadha dejn. L-imputata cahdet li qalet lil Mary Hedley li kienet ghada gejja mic-Chain Supermarket. Xehdet ukoll li dak il-hin kien hemm mara ohra qed tixtri u hallset b’ 50 Euro. Dan il-hanut tal-helu qieghed xi zewg minuti boghod mid-dar tal-imputata. Din ix-xhieda tal-imputata hija repetizzjoni fis-sustanza ta’ dak li l-imputata qalet lill-ispettur fl-istqarrija taghha a tempo virgine.

Ix-xhieda tal-imputata hija korroborata bix-xhieda ta’ missierha Anthony Camilleri li xehed li dak iz-zmien bintu l-imputata kienet qed tissepara u zewgha ma kienx jaghtiha flus bizzejjed biex tmantni t-tfal u kien jghinha hu. Hu xehed li hu pensjonant u l-pensjoni tieghu tidhol il-bank, u hu jmur jigbed il-flus mill-bank bil-kard. Hu xehed li il-50 Euro li hu kien ta lill-imputata, kien gibidha mill-bank, u ma kellux flus izjed apparti l-flus li kellu l-bank.

Illi fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti li tat l-imputata hija wahda attendibbli u dan ghal diversi ragunijiet:

1. Fix-xhieda taghha, l-imputata baqghet konsistenti ma’ dak li qalet lill-ispettur fl-istqarrija a tempo vergine, ghalkemm xehdet tlett snin wara.

2. Ix-xhieda tal-imputata hija korroborata bix-xhieda ta' missierha Anthony Camilleri.
3. L-allegazzjoni ta' Mary Hedley li l-imputata qaltilha li kienet ghada gejja mic-Chain Supermarket ma hix wahda attendibbli, ghaliex kif osservat l-imputata kieku marret ic-Chain Supermarket, ma kellhix ghalfejn terga' tmur tixtri minghand Mary Hedley.
4. Fir-rapport taghha u fix-xhieda taghha Mary Hedley qalet li l-imputata xtrat biss flixkun Coca li insietu warajha. Kieku dan kien veru, dan ifisser li l-imputata harget mill-hanut b'idejha vojta, li mhux verosimili. Fil-fatt l-imputata tghid li hi xtrat diversi affarijiet u meta marret lura d-dar indunat li Mary Hedley ma kienitx poggietilha l-Coca fil-basket u regghet marret lura ghalih. Kieku l-imputata kellha l-faham miblul, ma kienitx se tirritorna l-hanut ghal flixkun tal-Coca.
5. Mix-xhieda ta' Mary Hedley kif ukoll tal-imputata, jirrizulta li kien hemm tal-inqas mara ohra li hallset b'karta ta' €50.00. Ghalkemm fix-xhieda taghha, Hedley qalet li zammet il-karta ta' €50.00 li tatha l-imputata imwarrba fil-portmoni, fl-istqarrija taghha, l-imputata qalet li Hedley dahlet il-karta fil-kexxun.
6. L-incident sehh fit-8 ta' Ottubru 2008 ghal habta tas-7.00p.m., u Hadley ghamlet ir-rapport lill-Pulizija l-ghada d-9 ta' Ottubru ghal habta tal-5.00p.m. – kwazi 24 siegha wara. Huwa vera li Hedley qalet li riedet ticcekkja ma apparat ta' terzi persuni jekk il-karta tal-50 Euro kienitx falza, pero fil-fehma tal-Qorti dan xorta ma jiggustifikax dan id-dewmien biex isir ir-rapport.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni kunsidrata ta' dina l-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghal kull buon fini, u bla pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti osservat ukoll illi minkejja li x-xhieda ta' PC 515 Andrea D'Amato u r-rapport tal-pulizija minnu ezebit[2] jirreferu ghall-hlas b'karta ta' €50.00 fit-8 ta' Ottubru 2008, l-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni jirreferu ghad-

[2] A fol. 19 tal-process.

data tad-9 ta’ Ottubru 2008, meta skont l-istess provi zgur li l-imputata ma setghetx kellha karta tal-flus ta’ €50.00 falza, ghaliex se mai, dak in-nhar din il-karta ta’ €50.00 kienet fil-pussess ta’ Mary Hedley. Din hija raguni ohra, ghaliex f’kull kaz, l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qieghda tilliberaha minnhom.

Il-Qorti qieghda tordna l-qirda tal-karta tal-50 Euro falza ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur, prevja li qabel issir tali distruzzjoni, ir-Registratur ghandu jikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u jekk dan il-Bank hekk jitlob, ma jeqridx din il-karta, izda jikkonsenjaha lill-istess Bank biex tinfela minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------